MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tat-12 ta' April, 2002

Talba Numru. 526/2002/1

**SMS Insurance Agency Ltd bhala rapprezentanti tas-socjeta estera Ecclestiastical Insurance Office plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Victor Stafrace**

**Vs**

**David Penza**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u hamsa u disghajn centezmu (Lm321.95), hlas ta' danni kagunati b'rizultat ta' incident tat-traffiku li gara fil-Marsa fis-26 ta' Novembru 2001 meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura bin-numru KAM 737 habat mal-vettura bin-numru IBE 286 propjeta ta' Victor

Stafrace, liema incident sehh minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut.

Ra n-nota ta' ammissjoni li giet prezentata mill-konvenut fis-seduta tal-lum.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u hamsa u disghajn centezmu (Lm321.95) kif fuq spejgat, bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba. L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**